MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 108/2002/1

**Benedict Abdilla.**

**-vs-**

**John Abdilla, Carmen armla ta' Pietru Spiteri, Rokku Abdilla f'ismu propju u bhal mandatarju ta' Guza Abdilla, u Vincent Abdilla.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-3 ta' Jannar, 2002 li permezz taghha l-attur ippremetta:

Illi l-attur jippossjedi in komun mal-partijiet l-ohra il-proprjetajiet immobbli segwenti;

i. Gnejna fiz-Zurrieq fil-Kontrada ta’ Bubaqra, ta’ Kejl ta’ Cirka ta’ Seba’ mija u disa’ u disghin punt erbgha wiehed metri kwadri (749.41mk), tmiss mil-Lvant ma Triq tal-Qortin, mit-Tramuntana mas-Sqaq, tinsab fuq pjanta hawn annessa u markata bhala Dok “A” delineata bil-kulur isfar,

ii. Ghalqa fiz-Zurrieq, fil-Kontrada tal-Barlott maghrufa ta’ Baldacchina ta’ Kejl ta’ Cirka ta’ elfejn mitejn tmienja u erbghin punt tnejn metri kwadri (2248.2mk) u tmiss mil-Lvant ma’ Beni ta’ Michael Camilleri mill-Punent u mill-Lbic ma’ beni ta’ l-ahwa Ellul, mit-Tramuntana ma sqaq maghruf bhala ta’ Sqaq Barlott fuq pjanta hawn annessa u markata Dok. “B” delineata bil-kulur isfar,

iii. L-Ghalqa fiz-Zurrieq, fil-Kontrada tal-Barlott, bil-Kejl ta’ cirka elfejn erba’ mija u disghin punt tmienja wiehed metri kwadri (1,498.81mk) u tmiss mill-majjistral ma’ sqaq ta’ raba’ maghruf bhala ta’ Lixkant, mil-Lvant ma’ beni ta’ Carmelo Farrugia fuq pjanta hawn annessa u markata bhala Dok “C”, delineata bil-kulur isfar,

iv. L-Ghalqa fix-Xaghri, fil-Kontrada tal-Qortin maghrufa ukoll ta’ Ras il-wied, ta’ Kejl ta’ Cirka erbat elef erba’ mija sitta u disghin punt erbgha metri kwadri (4496.4mk), tmiss mit-tramuntana u mill-punent ma’ beni tal-familja Saydon, min-Nofsinhar ma’ Triq maghrufa bhala ta’ Bubaqra fuq pjanta hawn annessa u markata Dok “D” delineata bil-kulur isfar,

v. L-Ghalqa fil-Kontrada ta’ Bubaqra limiti taz-Zurrieq maghrufa bhala tal-Herba, ta’ Kejl ta’ Cirka elf erba’ mija tmienja u disghin punt tlieta tnejn metri kwadri

(1,498.32mk) tmiss mat-Tramuntana ma’ beni ta’ Lorenzo Zammit, nofsinhar ma’ beni ta’ Guzeppi Carabott mit-

Tramuntana ma' beni tas-Socjeta' Muzikali ta' Santa Katerina kif deskritt fuq pjanta hawn anness bhala Dok. "E",

vi. Il-fond bi tlett bibien numri tlieta, erbgha u hamsa (3,4,5), Triq San Mikiel, iz-Zurrieq,

vii. Il-mezzanin numru hamsa (5), fi Prodigal Lane, iz-Zurrieq,

viii. Il-garage, f'Bormla numru mija u sitta (106), Triq Pietru Pawl Caruana,

ix. Ghalqa z-Zurrieq, maghrufa f'Ta' Hal Millieri ta' kejl cirka (1,500mk) konfinanti mit-Tramuntana mat-triq u mal-lvant mall-kappella tal-Lunzjata. Kif tidher delinejata b'sinjal iswed skur f'pjanta hawn annessa u mmarkata "Dok F".

Illi l-attur ma jridx jibqa aktar in komuni mal-partijiet l-ohra fil-proprjeta' ta' dawn il-proprjetajiet immobbli fuq elenkati.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tordna d-divizjoni ta' dawn il-proprjatejiet immobbli skond il-woti rispettivi tal-partijiet occorrendo bl-opera ta' periti nominand;

2. Tinnomina Nutar Pubbliku ghall-pubblikazzjoni tal-att ta' divizjoni;

3. Tinnomina kuraturi sabiex jidhru fuq l-att ghall-eventwali kontumaci; u

4. F'kaz li d-divizjoni in natura ma tkuns possibbli, tordna il-bejgh in licitazzjoni ta' l-istess fond, previa il-hatra ta' perit sabiex jaghmel il-valutazzjonita'

dawn l-istess proprjetajiet immobbli, u l-qasma tar-rikavat bejn il-konlicitanti skond il-kwoti rispettivi taghhom.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ipprezentata fil-5 ta' Marzu, 2002 li permezz taghha l-konvenuti eccepixxew:

Illi huma jaqblu illi ghandha ssir id-divizjoni tal-propjeta' komuni msemmija fic-citazzjoni, salv il-verifika tal-kwoti.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-rapport tal-espert tekniku l-AIC Godwin Abela.

Rat in-nota tas-17 ta' Novembru, 2004.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Novembru, 2004 illi permezz taghha l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

Illi l-atturi qed jitolbu l-qasma tal-proprjetajiet immobbli msemmja fic-citazzjoni li huma ghandhom in komun flimkien mall-konvenuti u f'kaz li dan ma jkunx possibbli li l-Qorti tordna l-bejgh in licitazzjoni tal-proprjetajiet.

Mill-provi migbura jidher li l-partijiet huma ko-proprjetarji f'ismha indaqs – allura sest (1/6) kull wiehed u wahda (Fol 29

tal-process). Il-perit tekniku kkonkluda illi l-proprjetajiet ma humiex komodament divisibbli u ghalhekk irrakkomanda li

jsir il-bejgh in licitazzjoni. Il-Qorti taqbel ma' din il-konkluzjoni anzi din il-konkluzjoni llum hija iktar rafforzata mill-fatt illi kif jidher min-nota esebita fis-17 ta' Novembru, 2004 fil-mori tal-kawza nbieghu zewg proprjetajiet minn dawk imsemmija fic-citazzjoni u dan jaghmel id-divizjoni aktar difficli.

**Ghaldaqsant il-Qorti in vista tal-premess, fil-waqt li tichad l-ewwel tlett talbiet billi d-divizjoni ma tistax issir komodament, tilqa' r-raba' talba attrici u tordna l-bejgh in licitazzjoni tal-fondi msemmija fic-citazzjoni, *eccetto* dawk iz-zewg proprjetajiet imsemmija fin-nota tas-17 ta' Novembru, 2004 (u cioe' dawk immarkati iv u vi fl-istess citazzjoni), u tordna illi r-rikavat jinqasam fi kwoti ugwali bejn il-kontendenti; ghall-fini tal-istima mehtiega mil-Ligi, tordna li din tkun dik maghmula mill-AIC Godwin Abela fir-relazzjoni tieghu msemmja.**

**L-ispejjes ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet fi kwoti ndaqs bejniethom kollha.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------